Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 125 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies, taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 480 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu, 2020 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Is-sotto-paragrafu (ċ) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-istudenti li jiksbu 30 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."

5. Is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala s-sotto-paragrafu (d).

6. Il-paragrafu (3) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala s-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 6.

7. Is-sotto-paragrafu (b) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(b) L-istudenti li jiksbu t-30 krettu assenjati għall-komponent mgħallem b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."